# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 40/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Borg Chloe Alison**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-24 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, ħames mija u sittax-il Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€1,516.31ċ) dovuta in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni mogħtija lilha bil-kont numru 40310527, wara li l-konvenuta naqset li tħallas minkejja li ġiet interpellata biex tagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok. 'A', fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċ kellha mal-konvenuta (Dok. 'B', fol. 4-5); u (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenuta (Dok. 'C', fol. 6); u

(iv) affidavit ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentant tas-soċjeta' attriċi, li fih iddikjarat bil-ġurament tagħha li s-somma reklamata b'din l-azzjoni hija dovuta lilha mill-konvenut fuq il-kont imsemmi (Dok. 'D', fol. 7).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi ikkonfermat bil-ġurament li l-konvenuta għadha debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, ħames mija u sittax-il Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€1,516.31ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**